Nicholas Vassallo D. Litt.

# Il-Pittura ta' San Nikola fis-Saqaf tal-Knisja

Fil-bidu tas-seklu Għoxrin, ftit wara li tlestew in-navi u l-portiku tal-knisja, bit-tħabrik tal-kappillani ta' dawk is-snin, is-Siġġiwin ħasbu biex jagħtu dehra ġdida lill-knisja minn ġewwa. Tneħħew iż-żewġ gallariji tal-orgni mill-kor u nbniet waħda ferm akbar fuq il-bieb il-kbir. Sar xi tibdil madwar l-artali tal-Madonna tar-Ružarju u tal-Agonija (jew aħjar, tad-Duluri kif inhu magħruf mis-Siġġiwin,) u nbidlu wkoll xi inkwatri fosthom tal-Madonna tal-Karmnu u ta' Sant'Antnin.

Għal dan il-għan, imbagħad, il-Kappillan Dun Franġisk Saver Bonanno flimkien mal-prokuraturi ta' dak iż-żmien, fil-bidu t'April 1929, bagħat supplika lill-Arċisqof Dom Mauro Caruana fejn għarrfu li l-poplu tas-Siġġiewi wera x-xewqa li ssir il-pittura u d-dekorazzjoni fil-koppla, il-kor u l-volta tal-knisja parrokkjali. Huwa hemeż ukoll mas-supplika d-disinni mħejjijin mill-pittur Lazzaro Pisani u talbu jingħata l-permess biex ix-xogħol ikun jista' jinbeda mill-eqreb fis. Ġimgħa wara, il-Kanonku P. Galea vigarju ġenerali bagħat jinformah illi l-Kumitat Djoċesan għall-Ħarsien tal-Antikitajiet Ekkleżjastiċi approva l-proġett[1]. Għalhekk f'qasir żmien inbeda x-xogħol skont id-disinni kif approvati. M'għandniex xi ngħidu proġett vast u ambizzjuż bħal dak kellu jieħu fit-tul. Biex tagħqad sentejn biss wara nqala' intopp serju għax Lazzru Pisani issa kellu 'l fuq minn sitta u sebgħin sena u għalhekk kellu jħalli x-xogħol ħesrem għal raġunijiet ta' saħħa. Il-kummissjoni parrokkjali qabbdet lil Carmine Palmieri jkompli l-pittura iżda kellu jsir xi tibdil fuq id-disinni ta' Pisani. Imma s-suġġetti tas-sitt pitturi dwar il-ħajja ta' San Nikola baqgħu li kienu. U mnalla! Għax huma pitturi interessanti ħafna minħabba li juruna s-siltiet l-aktar popolari fl-istorja u li setgħu seħħew tassew matul ħajtu.

Peress li San Nikola għex bejn it-tielet u r-raba' seklu wara Kristu, ftit li xejn inkiteb dwaru fl-ewwel sekli wara mewtu anki minħabba li f'dak iż-żmien kienu jitqiesu qaddisin dawk l-Insara li jew ikunu mietu martri, jew kienu papiet, jew ħallew kitbiet importanti dwar il-fidi Nisranija, bħal Sant'Agata, Santa Luċija, San Bastjan u San Klement, it-tielet Papa wara San Pietru. Aktarx mitt sena wara mewtu, jiġifieri lejn l-450 WK, kienet inkitbet bil-Grieg storja fil-qosor tal-ħajja tiegħu. Iżda minnha llum baqgħalna biss l-ewwel kapitlu għax il-partijiet l-oħra ntilfu għalkollox. Dan il-kapitlu, imsejjaħ *Praxis de Stratelatis* jiġifieri "Il-ġrajja tat-Tliet Kmandanti tal-armata" jirrakkonta kif l-Imperatur Kostantinu, bi żball, ikkundanna għall-mewt tliet uffiċjali tal-armata li, hekk kif il-bojja kien se jaqtgħalhom rashom, ġew meħlusin minn San Nikola. Imbagħad irridu mmorru lura għat-VIII seklu WK biex insibu kitbiet fuq il-ħajja tal-patrun tagħna – qabża kbira li tqajjem xi ftit tad-dubju l-aktar minħabba li, fil-kitbiet tas-sekli ta' wara, daħlu wkoll bosta leġġendi. Imma dawn il-leġġendi għandhom it-tajjeb tagħhom ukoll għax ifisser li l-qima mill-poplu inġenerali lejn San Nikola baqgħet kulma jmur aktar tikber. Biżżejjed wieħed iżomm f'moħħu t-tradizzjonijiet ta' *Father*

*Christmas* u Santa Klaus. Madanakollu ma jfissirx li l-Milied jew San Nikola huma leġġendi jew festi tradizzjonali!

Fost dawk il-kittieba illi, lejn is-sena 800 WK, bdew juru interess akbar fil-ħajja ta' San Nikola u jiktbu dwaru, insibu lil Mikiel Arkimandrita, superjur jew mexxej ta' monasteru Grieg. Iżda ġara li kien hemm min fixkel, jew aħjar ħallat, lil San Nikola ma' Nikola ieħor, imsejjaħ is-Sijonita, li għex fis-seklu VI WK jiġifieri daqs 200 sena wara San Nikola. Għalhekk l-istudjużi ta' San Nikola kellhom biċċa xogħol iebsa biex jisiltu l-ġrajjiet veri ta' San Nikola minn oħrajn li l-qaddis patrun tagħna żgur li qatt ma wettaq. L-aktar li, fis-seklu li għadda, ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' tagħrif fuq il-ħajja tal-qaddisin tal-ewwel sekli kien il-Papa Pawlu VI. B'rieħet hekk, fit-tieni nofs tas-seklu XX, kiber l-interess u t-tiftix fuqhom min-naħa tal-istudjużi bil-ħsieb li jaslu għal soluzzjoni.



*Il-Magħmudija ta' San Nikola*

Wieħed mill-akbar studjużi tal-ħajja ta' San Nikola fiż-żminijiet tal-lum huwa Padre Gerardo Ciòffari, Dumnikan midħla tal-Bażilika ta' San Nikola f'Bari. Padre Ciòffari[2] jikteb ħafna artikli sbieħ fuq l-arti u l-ħajja ta' San Nikola. Iħobb jagħmel kritika xjentifika u dettaljata fuq it-tradizzjonijiet u l-leġġendi li nibtu, matul is-sekli, dwar San Nikola. B'hekk



*Nikola kkonsagrat Isqof*



*San Nikola jipprovdi l-Qamħ lill-Belt ta' Mira*

Padre Ciòffari għaraf li ħafna minn dak li nkiteb fuq San Nikola huwa biss rakkonti li qatt ma ġraw, imżewqin mill-fantasija tad-devoti tiegħu. Skont Padre Gerardo, ladarba ma nafu xejn fuq tfulitu, ma jistax jingħad li San Nikola qam fuq saqajh meta kien għadu tarbija jew li kien isum billi ma jiħux ħalib minn sider ommu. L-istess jista' jingħad dwar xi fatti jew mirakli oħrajn li kultant naqraw dwarhom. Iżda hu magħruf li sa minn żogħżitu San Nikola wera ħerqa kbira għat-tagħlim ta' Kristu: qassam ġidu lill-fqar u kien ta' għajnuna għall-batut. Bil-ħsieb li ma jingħatawx għall-ħażen, għen lil tliet xebbiet billi tefgħalhom xi flus fis-satra tal-lejl. Lin-nies ta' Mira, fi żmien ta' karistija, forniehom bil-qamħ biex ma jbatux il-ġuħ u ħeles mill-mewt tliet uffiċjali tal-armata Kostantinjana. Fi kliem ieħor, mill-ftit li nafu dwaru San Nikola kien difensur tal-fidi, bniedem li jħobb is-sewwa u jaqbeż għall-proxxmu.

Biex jidħol aktar fil-fond fl-istudji tiegħu Padre Ciòffari studja u tgħallem sewwa l-Grieg, ir-Russu u xi lingwi oħra tal-pajjiżi tal-Lvant bħalm'hi s-Serbja. Huwa żar u fittex ukoll fid-dokumenti antiki ta' dawn il-pajjiżi tal-Lvant fejn twieled u għex San Nikola. Padre Ciòffari jgħidilna illi fuq ħajtu nafu fi żgur li fil-Konċilju ta' Niċea (325 WK), fost it-300 isqof li ħadu sehem, kien preżenti l-Isqof ta' Mira, jismu Nikola. Dan ma setax ikun għajr San Nikola minħabba li f'dawk is-snin kien proprju hu, San Nikola, l-Isqof ta' dik il-belt, illum imsejħa Demre.

Sal-lum f'Demre għadu jinsab il-qabar ta' San Nikola fi knisja żgħira, imġarrfa, tat-VIII seklu WK. Lejn l-1870 iz-Zar tar-Russja kien qala' mingħand is-Sultan tat-Turkija l-permess li jieħu ħsieb il-post. Madwar ħamsin sena ilu, il-gvern Tork megħjun minn xi għaqdiet arkeoloġiċi Ewropej, beda kampanja ta' skavi kemm f'Demre kif ukoll f'Andrijake, il-port ta' Mira, fejn kienu jsorġu bosta xwieni mgħobbijin il-qamħ. Dejjem għall-ħabta tal-1870, artisti Russi li żaru dawk l-inħawi pittru xeni tal-post kif immaġinaw li kien fi żmien San Nikola. Illum ukoll bosta turisti, l-aktar mir-Russja u minn pajjiżi oħra tal-Lvant tal-Ewropa, iżuru Demre biex jitolbu fuq il-qabar fejn kien midfun il-patrun tagħna. B'hekk f'dawn l-aħħar mija u ħamsin sena l-istudjużi setgħu jiffurmaw stampa aktar ċara dwar min kien u huwa San Nikola.

Minn dan aħna, illum, nistgħu nifhmu għaliex il-Kappillan Dun Saver Bonanno fil-pitturi ħalla barra dawk l-episodji li fuqhom kien hemm dubju jekk humiex fatti li tabilħaqq ġraw fil-ħajja ta' San Nikola u jekk għandhomx jitqiesu tassew mirakli. Illum nafu li, bejn is-sekli XVII u XIX, bosta kittieba daħħlu fil-ħajja tiegħu xi għeġubijiet li, fil-kitbiet ta' qabel, qatt ma jissemmew. Aktarx ħaduhom mit-tradizzjoni orali u nqdew bihom biex jimlew il-vojt, fil-ħajja tal-patrun tagħna, li ma kinux kapaċi jispjegaw. Madankollu wieħed irid iżomm f'moħħu li ħafna minn dawn l-episodji leġġendarji huma fehmiet li trawmu u kibru mal-medda taż-żmien minħabba li, bħalm'għedna, il-qima lejn San Nikola tant xterdet fost il-ġnus kollha ta' fidi Nisranija illi ftit ftit San Nikola sar il-protettur ta' kull xorta ta' nies: tfal, baħħara, tfajliet għarajjes, spiżjara, negozjanti, buttara u bosta oħrajn.

Ma setax jonqos, għalhekk, illi l-Kappillan Dun Franġisk Saver Bonanno u l-kummissjoni inkarigata mid-dekorazzjoni tal-volta tal-Knisja kienu influwenzati minn dan l-interess li qam fir-Russja u l-pajjiżi tal-Lvant. Il-pittura tas-saqaf ġiet fdata lil Lazzru Pisani. Imma fl-istess waqt Dun Saver u Pisani, mal-episodji ewlenin mill-ħajja ta' San Nikola, ħassew li m'għandhomx iħallu barra għalkollox xi stejjer oħrajn minuri ferm popolari mad-devoti ta' San Nikola. Iżda dehrilhom li jkun aħjar jitqiegħedu fit-truf t'isfel tat-tila biex ma jingħatawx prominenza bla bżonn, bħal pereżempju l-istorja tat-tlitt itfal imqattgħin bċejjeċ. Infatti l-pitturi jisħqu l-aktar fuq dawk il-karatteristiċi li semmejna aktar 'il fuq: San Nikola mogħti

sa minn tfulitu lejn dak li hu sewwa f'għajnejn Alla u ta' ġid għall-proxxmu, l-għażla tiegħu bħala isqof, iż-żewg mirakli tal-provvista tal-qamħ lill-popolazzjoni ta' Mira fi żmien ta' karistija u l-ħelsien tat-tliet kmandanti mill-mewt. Fl-absidi ta' fuq l-artal tar-Rużarju naraw 'il San Nikola li jidħol għall-baħħara bl-intervent ta' Marija Santissma fil-waqt li fl-absidi tal-faċċata għandna l-ħelsien tiegħu mill-ħabs u l-laqgħa tiegħu mal-Imperatur Kostantinu, li fl-istess waqt tagħtina ħjiel tas-sehem tiegħu fil-konċilju ta' Niċea.

Għalhekk Dun Saver u l-kummissjoni tad-dekorazzjoni kienu prudenti ħafna fl-għażla tas-suġġett għas-sitt inkwatri tal-volta biex kemm jista' jkun il-pitturi jirrappreżentaw episodji u mirakli li tassew ġraw jew twettqu minn San Nikola. Nofshom jittrattaw il-mumenti ewlenin tal-ħajja ta' San Nikola jiġifieri (1) in-naħa tal-bieb il-kbir il-magħmudija tiegħu, fejn naraw lil San Nikola, għalkemm tarbija, għarkupptejh fil-fonti tal-magħmudija; (2) fil-kor, fl-għażla u fil-konsagrazzjoni tiegħu bħala isqof ta' Mira; (3) fil-korsija bi dritt l-artal maġġur, l-apoteòsi jew il-glorifikazzjoni tiegħu wara mewtu, imdawwar bl-anġli u mill-poplu li għalih hu ħadem u ħabrek ħajtu kollha. Fit-taqsima l-oħra, imbagħad, għandna tliet mirakli minn fost il-ħafna attribwiti lilu: (4) fil-korsija tan-nofs, bejn iż-żewġ inkwatri l-oħra, San Nikola jeħles lil tfajla kkundannata għall-mewt; (5) fit-transett, bi dritt l-artal tas-Sagra Familja, naraw lil San Nikola jwassal, fi żmien il-għaks, kunsinna qamħ lin-nies ta' Mira; u (6) n-naħa tal-artal tad-Duluri, San Nikola jidħol għal u jsalva mill-mewt tliet uffiċjali tal-armata kkundannati mingħajr ħtija. Mela meta nifluhom bir-reqqa nindunaw li l-pitturi, għalkemm maqsumin f'żewġ tipi (siltiet minn ħajjet il-Patrun tagħna u mirakli li wettaq), huma tassew mifruxin bil-għaqal mal-volta tas-saqaf u fl-istess waqt minsuġin flimkien b'tali mod li, episodji u mirakli, jifformaw il-missjoni li Alla fdalu u li hu wettaq b'ħeġġa u b'rieda qawwija.



*L-Apoteosi ta' San Nikola*

Dawn l-episodji huma rikonoxxuti, tista' tgħid, mill-istudjużi kollha u ġew ikkonfermati wkoll minn Padre Cioffari. F'uħud minn dawn il-pitturi, barra mill-episodju ewlieni bħall-apoteosi (jew il-glorja) ta' San Nikola, insibu wkoll xeni ta' mirakli oħrajn. Fl-istess tila naraw ukoll lil San Nikola jqajjem mill-mewt ġuvni wara li safa maħruq f'diżgrazzja. Huma mirakli li jirreferu għal grazzji li nqalgħu bl-intervent ta' San Nikola wara mewtu. Dan kollu jurina kif id-devozzjoni lejn San Nikola matul is-sekli xterdet mad-dinja Nisranija kollha, mill-Greċja u r-Russja (fejn tnisslet) sal-Italja u l-Ewropa tal-punent u saħansitra fil-Kanada, il-Brażil u l-pajjiżi kollha tal-kontinent Amerikan. Illum il-qima lejn San Nikola hija fost l-aqwa fid-dinja.

## Referenzi


[1] A.A. Suppliche vol.II/n°169-29

[2] Din il-kitba hija bbażata fuq xi pubblikazzjonijiet ta' Padre Cioffari.